31992R2252

4.8.1992 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 219/19

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2252/92

tat-30 ta' Lulju 1992

li jistipula regoli dettaljati biex japplika l-iskema speċjali għal-lampun maħsuba għall-ipproċessar

IL-KUMMISSJONI TAL-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE Nru 1991/92 tat-13 ta' Lulju 1992 li jwaqqaf skema speċjali għal-lampun maħsuba għall-ipproċessar [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE Nru 1676/85 tal-11 ta' Ġunju 1985 fuq il-valur ta' kont magħqud u r-rati ta' konverżjoni li għandhom jiġu applikati għall-finijiet tal-politika agrikola komuni [2], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2205/90 [3], u b' mod parikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi r-Regoalment (KEE) Nru 1991/92 jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi biex jirmedjaw in-nuqqasijiet fl-produzzjoni u l-bejgħ tal-lampun maħsuba għall-ipproċessar; billi l-għajnuna li għandha tingħata titħallas lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti speċifikament li jkunu bagħtu programm biex itejbu l-kompetittività tas-settur approvat mill-awtorità nazzjonali;

Billi wieħed għandu jiftakar li dan ir-rikonoxximent speċifiku mhuwiex ikkundizzjonat bl-għarfien minn qabel skond l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1992 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u ħaxix [4], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1754/92 [5]; billi r-rikonoxximent jingħata indipendentement minn ta' l-aħħar kemm-il darba l-kundizzjonijiet partikolari stipulati biex jingħata jiġu osservati;

Billi l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent għandhom jinkludu assigurazzjonijiet raġonevoli li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jirċievu l-għajnuna mill-Komunità għandhom, sal-punt u d-dewmien ta' l-attivitajiet tagħhom u permezz tal-mod ta' l-operat tagħhom, jikkontribwixxu għat-titjib mixtieq fil-kundizzjonijiet li taħthom il-prodotti relatati huma prodotti u mibjugħa; billi, biex jiżguraw l-istabbilità minima fl-organizzazzjonijiet tal-produtturi, ikollhom bħala neċessità jinkludu fl-istatuti tagħhom klawsoli speċifiċi li jiggarantixxu l-kontroll tal-produtturi fuq id-deċiżjonijiet u l-operat ta' l-organizzazzjoni u l-klawsoli li jistipulaw il-penali għall-ksur tar-regoli miftehma;

Billi l-kwantitajiet għall-kummerċ għandhom ikunu stabbiliti għall-ħlas ta' għajnuna b'rata fissa lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti li jkunu ppreżentaw programm biex itejbu l-kompetittività tas-settur, approvat mill-awtorità nazzjonali kompetenti; kundizzjonijiet tat-temp mhux favorevoli fir-reġjun tal-produzzjoni matul is-sena tas-suq relatata biex issir stima tal-għajnuna jistgħu jdaħħlu tgħawwiġ notevoli ħafna fl-applikazzjoni ta' l-iskema tal-għajnuna; billi wieħed għandu jaħseb biex jagħmel stima tal-għajnuna f'dawn il-każi a bażi tal-kwantitajiet għall-kummerċ fis-sena kummerċjali wara s-sena affettwata notevolment bil-kundizzjonijiet tat-temp imsemmija qabel;

Billi d-diversi miżuri, li jistgħu jinkludu miżuri individwali jew konġunti maħsuba fil-programm biex itejjeb il-kompetittività tas-settur li jipproduċi l-lampun għall-ipproċessar, għandhom ikunu stabbiliti; billi, għalkemm hija r-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet nazzjonali biex japprovaw il-programmi, kollaborazzjoni u kooperazzjoni amministrattiva mal-Kummissjoni għall-iskop li jiggarantixxu l-għanijiet tar-Regolamenti għandhom jippermettu lill-Kummissjoni biex titlob, fejn ikun meħtieġ, l-emendi għall-abbozz tal-programm jew anke tirrifjuta l-għotja tal-għajnuna finanzjarja sew nazzjonali kif ukoll tal-Komunità;

Billi regoli speċifiċi għandhom jiġu stabbiliti għall-approvazzjoni ta' miżuri konġunti fil-programmi ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi li jinsabu fl-istess żona ta' produzzjoni, anke aktar importanti, għall-approvazzjoni ta' miżuri transnazzjonali;

Billi ċerti dispożizzjonijiet ġenerali u finanzjarji għandhom jiġu stipulati għal għajnuna finanzjarja mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida Garanzija, Sezzjoni ta' Garanzija, bla ħsara għall-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KEE) Nru 1991/92; billi wieħed għandu jiftakar illi l-għajnuna mill-Komunità tista' titħallas biss f'kull eventwalità lill-Istat Membru wara jew fl-istess ħin li titħallas il-kontribuzzjoni nazzjonali, wara l-verifiki xierqa;

Billi l-ogħla ammont ta' għajnuna għal kull ettaru, stipulat għall-miżuri relatati mat-titjib kulturali u/jew tal-varjetà ta' produzzjoni, għandu jinbidel f'munita nazzjonali relatata mar-rata ta' bdil agrikolu applikabbli fl-ewwel jum ta' kull sena kummerċjali, skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1676/85;

Billi l-implimentazzjoni tad-diversi miżuri speċifiċi fil-kwestjoni tinvolvi obbligu kostriġenti fuq l-organizzazzjoni tal-produtturi benefiċjarji biex jibagħtu informazzjoni sħiħa u dettaljata, f'intervalli stabbiliti, lill-awtorità maħtura mill-Istat Membru sabiex jippermetti lill-awtorità msemmija li tissorvelja kontinwament it-twettiq ta' dak li tkun daħlet għalih l-organizzazzjoni tal-produtturi;

[1] ĠU L 199, tat-18.7.1992, p. 1.
[2] ĠU L 164, ta' l-24.6.1985, p. 1.
[3] ĠU L 201, tal-31.7.1990, p. 9.
[4] ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1.
[5] ĠU L 180, ta' l-1.7.1992, p. 23.

Billi l-obbligu fuq il-benefiċjarju tal-għajnuna li jforni informazzjoni ma jistax waħdu jiggarantixxi li l-miżuri huma amministrati tajjeb; billi għalhekk huwa meħtieġ li jispeċifika l-verifiki dokumentati u spezzjonijiet fuq il-post li l-awtorità nazzjonali għandha twettaq, jiddependi skond it-tip ta' għajnuna finanzjarja pprovuta mir-Regolament imsemmi;

Billi min jonqos serjament li jħares l-obbligi stipulati fir-REGOLAMENT (KEE) Nru 1991/92 jew f'dan ir-Regolament għandu jkun penalizzat kif jixraq;

Billi l-miżuri maħsuba f'dan ir-Regolament huma skond il-fehma tal-Kumitat tal-*Management* għal Frott u Ħaxix,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Organizzazzjonijiet tal-produtturi mqabbdin biex jaħdmu fil-produzzjoni u kummerċ tal-lampun maħsuba għall-ipproċessar

— li jkunu ġew rikonoxxuti speċifikament skond Titolu I,

— u li jkunu baġħtu programm biex itejbu l-kompetittivita tas-settur li jipproduċi l-lampun maħsuba għall-ipproċessar skond it-Titolu II li jkun ġie approvat mill-Istat Membru relatat,

għandha tikkwalifika għall-miżuri speċifiċi maħsuba fir-Regolament (KEE) Nru 1991/92, bla ħsara għar-regoli stipulati f'dan ir-Regolament.

It-TITOLU I

Rikonoxximent speċifiku ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-lampun maħsuba għall-ipproċessar

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jagħtu rikonoxximent speċifiku skond ir-Regolament (KEE) Nru 1991/92 għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi u gruppi ta' produtturi (minn issa 'l quddiem jissemmew 'organizzazzjonijiet tal-produtturi') imqabbda biex jaħdmu fil-produzzjoni u *marketing* tal-lampun maħsuba għall-ipproċessar:

— li jkunu stabbiliti bl-istigazzjoni tal-produtturi nfushom bl-iskop li jiksbu, fis-settur li jipproduċi r-*lampun* għall-ipproċessar, l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 13(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72,

— li jirrikjedu lill-membri tagħhom biex jissodisfaw l-obbligi msemmija f'dan l-Artikolu,

— li jagħmlu disponibbli għall-membri tagħhom faċilitajiet tekniċi għall-operat ta' qabel il-bejgħ, b' mod partikolari fl-ippakkjar u, fejn applikabbli, il-ħażna tal-prodotti msemmija,

— li l-istatuti tagħhom:

(a) jagħmluha obbligatorju għall-produtturi li jkollhom il-produzzjoni tagħhom tal-lampun għall-ipproċessar mibjugħa mill-organizzazzjoni tal-produtturi;

(b) jinkludu dispożizzjonijiet imfassla biex jiżguraw li l-produtturi jkollhom kontroll fuq l-organizzazzjoni u d-deċiżjonijiet li jieħdu;

(ċ) jistipulaw il-penali għal kull ksur tar-regoli ta' l-organizzazzjoni minn produtturi li jkunu membri tiegħu;

(d) jagħmluha obbligatorja għall-produtturi:

— li jappartjenu għall-organizzazzjoni tal-produtturi għal perijodu ta' l-anqas ta' tliet snin,

— li jagħtu avviż ta' l-anqas 12-il xahar bil-quddiem tat-tluq tagħhom minnha;

(e) jinkludu d-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet li għandhom jitħallsu mill-membri tagħhom,

— li jipprovdu xiehda fuq livell suffiċjenti ta' attività ekonomika, skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1991/92,

— li jżommu kontijiet separati ta' l-attivitajiet tagħhom dwar il-lampun għall-ipproċessar.

Artikolu 3

1. Organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom għal rikonoxximent speċifiku skond ir-Regolament (KEE) Nru 1991/92 lill-awtorità kompetenti maħtura mill-Istat Membru mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara li jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament imsemmi.

2. L-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent għandu jkollhom magħhom l-artikoli ta' assoċjazzjoni u l-partikularitajiet elenkati fl-Anness I.

3. L-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-eżattezza tal-partikolaritajiet mogħtija minn skrutinju tad-dokumenti u spezzjonijiet fuq il-post. F'każijiet dubjużi l-awtorità kompetenti għandha twettaq il-verifiki xierqa biex tisgura komformita mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2.

4. Għandu jingħata rikonoxximent speċifiku fi żmien tliet xhur mill-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni. Minkejja dan, jekk tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali, il-limitu ta' żmien ta' tliet xhur jista' jiġi estiż sa sitt xhur.

5. Kull sena, qabel l-1 ta' Diċembru, organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jippreżentaw lill-awtorità kompetenti verżjoni aġġornata tal-partikularitajiet elenkati fl-Anness I.

Artikolu 4

L-awtorità kompetenti għandha tagħmel verifiki perjodiċi, u ta' l-anqas kull tliet snin, biex tiżgura li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skond l-Artikolu 3 ikunu joperaw fil-mod korrett u li jkunu josservaw il-kundizzjonijiet stipulati għar-rikonoxximent tagħhom.

L-awtorità kompetenti għandha tirtira r-rikonoxximent speċifiku jekk issib li:

— l-obbligi li bihom ir-rikonoxximent huwa kkundizzjonat ma jkunux twettqu,

— il-partikolaritajiet imsemmija fl-Artikolu 3(5) ma jkunux intbagħtu.

Artikolu 5

Kull sena, sal-31 ta' Jannar, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni:

— lista ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-lampun għall-ipproċessar li jkunu rċivew rikonoxximent speċifiku skond ir-Regolament (KEE) Nru 1991/92,

— għal kull organizzazzjoni tal-produtturi, il-formola murija fl-Anness I, mimlija kif imiss.

Artikolu 6

Għall-finijiet tal-għotja ta' għajnuna b'rata fissa lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti kif stipulat fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1991/92, il-volum tal-prodott kummerċjat ifisser il-kwantità attwalment mibjugħa għall-ipproċessar matul l-ewwel sena kummerċjali wara d-data tar-rikonoxximent speċifiku. Fejn kundizzjonijiet ta' maltemp fir-reġjun tal-produzzjoni jirriżultaw fi tnaqqis ta' 20 % fil-ħsad ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi, il-kwantità immarkettjata għandha tkun dik li attwalment tinbiegħ għall-ipproċessar matul it-tieni sena ta' *marketing* wara d-data tar-rikonoxximent speċifiku.

It-TITOLU II

Il-progrmm biex titjieb il-kompetittività tas-settur li jipproduċi l-lampun għall-ipproċessar.

Artikolu 7

1. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1991/92 għandhom jinkludu, kif xieraq, il-miżuri li ġejjin:

(a) mekkanizzar tal-ħsad:

xiri u dipprezzament tal-makkinarju tal-ħsad tal-lampun;

(b) adattament tal-pjantaġjuni eżistenti bl-iskop ta' titjib kulturali u/jew ta' varjetà:

— il-qlugħ ta' qasab, segwit minn taħwil ta' qasab ġodda,

— konverżjoni ta' vajatajiet, bi skop ta' titjib ġenetiku kwantitattiv u/jew kwalitattiv,

— titjib fil-metodi ta' teknika ta' kultivazzjoni dwar il-ġestjoni u l-ispazjar ta' pjantaġjuni;

(ċ) pariri tekniċi:

— l-għoti ta' għajnuna teknika lill-membri biex iħejju għall-mekkanizzazzjoni tal-ħsad, biex itejbu l-ġestjoni tax-xtieli u biex jikkoordinaw il-miżuri kollha relatati mal-produzzjoni.

2. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1991/92 għandhom jinkludu, kif inhu xieraq, il-miżuri li ġejjin:

(a) tħejjija xjentifika u tifrix ta' miżuri biex nuqqasijiet fl-istrutturi tal-produzzjoni:

— l-użu ta' varjetajiet ġodda li jagħtu aktar u/jew ta' kwalità aħjar imfassla skond il-ħtiġiet ta' min jużahom u adattati aktar għall-ipproċessar,

— it-tħejjija ta' metodi ġodda għall-kontroll ta' ċertu mard.

Dawn il-miżuri għandhom jingħataw u jiġu implimentati b'kooperazzjoni diretta ma' istituti u/jew korpi li huma kompetenti f'dan il-qasam;

(b) l-iżvilupp ta' prodotti ġodda u/jew użu ġdid għall-prodotti pproċessati:

— stħarriġ tas-suq,

— it-tiftix għal swieq ġodda

— studji kummerċjali dwar id-disinn ta' l-ippakkjar u preżentazzjoni,

— l-iżvilupp ta' prodotti ġodda, mill-kunċett sa meta jiġu mmarkettjati,

— analiżi għall-benefiċċju ta' l-ispejjeż ta' tekniki ġodda ta' konservazzjoni.

Dawn il-miżuri għandhom jintbagħtu u jiġu implimentati b'kooperazzjoni diretta ma' dawk li jipproċessaw jew ma' l-organizzazzjonijiet ta' dawk li jipproċessaw;

(ċ) stħarriġ fuq il-potenzjal ta' l-iżvilupp tas-suq għall-prodotti friski tal-lampun:

— analiżi ta' kif jidher is-suq għal prodott frisk u l-possibbiltà, għall-oqsma ta' produzzjoni fl-isfond taddħul tagħhom fis-suq, biex idawru parti mill-produzzjoni tagħhom 'l hinn mill-industrija ta'l-ipproċessar u jdawruha fis-suq ta' prodott frisk.

Artikolu 8

1. Organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jibagħtu l-abbozzi tal-programm tagħhom għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti maħtura mill-Istat Membru, fil-formola murija fl-Anness II u flimkien mad-dokumenti li jsostnuhom.

L-implimentazzjojni tal-programm għandha tibda sakemm din ta' l-aħħar tkun approvata mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

2. L-awtorità kompetenti għandha tieħu deċiżjoni fuq l-abbozz ta'programm fi żmien ħames xhur minn meta tirċevih. Talbiet għal tibdil kif imsemmi fil-paragrafu 3 (b) għandhom jiġu segwiti minn interruzzjoni ta' dak il-perjodu.

L-awtorità kompetenti għandha:

— tuża l-mezzi xierqa kollha, inklużi spezzjonijiet fuq il-post, biex tiċċekkja l-eżattezza ta' l-informazzjoni pprovduta fuq il-produzzjoni tar-*rapberries* għall-ipproċessar mill-membri ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi fil-ħin meta l-programm jintbagħat,

— jiċċekkjaw li l-programm jieħu l-forma murija fl-Anness II u jkun konformi mal-għanijiet ta' dan it-Titolu,

— jivverifika l-konsistenza ekonomika u validità teknika ta' l-abbozz tal-programm, il-validità ta' l-estimi u l-pjan ta' l-iffinanzjar u l-orarju ta' l-implimentazzjoni.

Qabel it-tmiem tat-tielet xahar wara li jirċievu l-abbozz tal-programmi, l-awtorità komptetenti għandha tgħaddi lill-Kummissjoni dawk li jistgħu, fil-fehma tagħha, ikunu approvati skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 1991/92, flimkien ma' l-istima ġenerali tal-konformità tagħhom mal-kriterji msemmija fit-tielet inċiż tat-tieni subparagrafu.

Fi żmien 40 jum minn meta tirċievi n-notifika, il-Kummissjoni għandha, jekk tinħtieġ, titlob lill-awtorità komptetenti biex tirrofta l-programmi jew timmodifikahom.

3. L-awtorità kompetenti għandha:

(a) jew tapprova l-programmi jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KEE) Nru 1991/92 u ta' dan it-Titolu;

(b) jew titlob bidliet fl-abbozzi, jew fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Kummissjoni. Abbozz ta' programmi jistgħu jiġu approvati sakemm jinkludu l-bidliet mitluba;

(ċ) jew tirrifjuta programmi, jew fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba tal-Kummissjoni.

4. (a) Approvazzjoni tal-programmi relatati wkoll mal-miżuri li għandhom jintbagħtu u jiġu implimentati flimkien ma' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li l-membri tagħhom huma minn area ta' produzzjoni waħda jew aktar għandhom, fejn meħtieġ, tkun bla ħsara għall-approvazzjoni ta' sezzjoni konġunta fil-programmi ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi oħra relatati.

(b) Żona ta'produzzjoni għandha tkopri t-territorju nazzjonali kollu ta' Stat Membru.

(ċ) Fil-każ ta'miżuri konġunti transnazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri relatati għandhom jikkollaboraw mil-qrib meta japprovaw il-pjanijiet.

5. Waqt l-implimentazzjoni ta' kull programm, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel verifiki ta' kull tanti żmien, permezz tar-rapporti li għandhom jinbagħtulha kull sena mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi relatati u permezz ta' spezzjonijiet fuq il-post, fuq il-progress li jkun qed isir mill-implimentazzjoni tal-programm approvat, fuq jekk ix-xogħol li jkun sar ikunx komformi mar-rekwiżiti tekniċi u finanzjarji, u fuq l-eżattezza tad-dokumenti sostenenti li jinbagħtu.

Ta' l-anqas għandhom jitmexxew żewġ spezzjonijiet fuq il-post fuq kull programm matul l-implimentazzjoni.

Artikolu 9

Kull sena, sal-31 ta' Jannar, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat lill-Kummissjoni rapport fuq il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-programmi approvati u fuq l-eżitu ta' l-ispezzjonijiet imwettqa u għandha tissuplixxi lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti kollha jekk jinqalgħu xi diffikultajiet matul l-implimentazzjoni li jistgħu jipperiolaw it-twettiq ta' l-inkarigi mogħtija mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

It-Titolu III

Dispożizzjonijiet ġenerali u finanzjarji

Artikolu 10

1. 70 % ta' l-ammont provviżorju tal-għajnuna b'rata fissa lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti li jkunu bagħtu programm biex itejbu l-kompetittività tas-settur li jipproduċi l-lampun għall-ipproċessar approvat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jithallsu mill-awtoritajiet nazzjonali lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi mhux aktar tard minn xahrejn wara li l-programm ikun approvat.

2. L-ammont provvisorju għandu jiġi stabilit, fejn meħtieġ, a bażi tal-kwantità immarkettjata minn kull organizzazzjoni ta' produtturi kif muri fl- applikazzjoni għar-rikonoxximent.

3. L-ammont definitiv tal-għajnuna għandu jiġi stabbilit u l-bilanċ ta' dak l-ammont għandu jithallas mhux aktar tard minn xahar wara n-notifika mill-organizzazzjoni tal-produtturi lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-kwantità mmarkettjata matul l-ewwel sena kummerċjali wara r-rikonoxximent tagħha.

Artikolu 11

1. Biex jiksbu għajnuna mill-Komunità għall-programm tagħhom biex itejbu l-kompetittività tas-settur li jipproduċi lampun għall-ipproċessar, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jikkwalifikaw għal dan għandhom jibagħtu applikazzjoni għall-għajnuna lill-awtorità nazzjonali kompetenti fit-tmiem tas-sena kummerċjali.

2. L-applikazzjoni għall-għajnuna għandha tintbagħat skond l-Anness III fi żmien xahrejn wara t-tmiem tas-sena ta' *marketing*, u għandu jkollhom magħhom il-fatturi d-dokumenti ekwivalenti l-oħra kollha relatati max-xogħol imwettaq.

3. L-iffinanzjar ta' l-ispejjeż minfuqa għall-miżuri implimentati flimkien minn uħud mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jinqasmu fost dawk l-organizzazzjonijiet u jkunu ugwali għall-ispiża minfuqa matul is-sena kummerċjali in kwestjoni.

4. Fejn l-appikazzjonijiet jintbagħtu wara li l-limitu taż-żmien hawn fuq imsemmi jkun skada, l-għajnuna għandha titnaqqas b5 %.

Artikolu 12

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, meta jkunu vverifikaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna u x-xhieda dokumentata ppreżentata biex tissostanzjahom, għandhom iħallsu, kull sena fi żmien tliet xhur wara l-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni għall-għajnuna, l-għajnuna mogħtija mill-Istat Membru u l-Komunità skond l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1991/92.

Artikolu 13

Ir-rata li għandha tintuża kull sena għall-konverżjoni fil-munita nazzjonali ta' l-ogħla ammont ta' għajnuna kull ettaru msemmija fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1991/92 għandha tkun ir-rata ta' konverżjoni agrikola fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sena ta' *marketing* msemmija.

Artikolu 14

1. Jekk xi għajnuna tkun tħallset bi żball, l-Istati Membri għandhom jirkupraw l-ammonti mħallsa, b'żieda ta' l-imgħax fuqhom mid-data meta l-għajnuna tkun tħallset sad-data meta tkun irkuprata. Ir-rata ta' l-imgħax li għandha tiġi applikata għandha tkun dik fis-seħħ għal ħidmiet simili ta' rekuperu skond il-liġi nazzjonali.

L-Istati Membri għandhom jirkupraw l-għajnuna kollha skond ir-Regolament (KEE) Nru 1991/92 ta' l-organizzazzjonijiet ta' produtturi li jwaqqfu l-attivitajiet tagħhom qabel it-tmiem tat-tielet sena wara d-data tar-rikonoxximent speċifiku msemmi fit-Titolu I ta' dan ir-Regolament, jew minn dak in-nhar li r-rikonoxximent speċifiku jkun irtirat skond l-Artikolu 4.

2. L-għajnuna rkuprata għandha titħallas lill-agenzija jew dipartiment li jkunu ħarġu l-flus u titnaqqas minn ta' l-aħħar mill-ispiża ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija, Taqsima ta' Garanzija fi proporzjon ma' l-iffinanzjar tal-Komunità.

3. Il-konsegwenzi finanzjarji li jirriżultaw mill-inabbilità li jirkupraw is-somom imħallsa għandhom jintrefgħu mill-Kummissjoni bi proporzjon ma' l-iffinanzjar tal-Komunità.

Artikolu 15

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jippenalizzaw kull nuqqas serju biex jitwettqu l-impriżi mogħtija jew l-obbligi kkuntrattati skond ir-Regolament (KEE) Nru 1991/92 u dan ir-Regolament.

Artikolu 16

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Lulju 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

DATA SHEET GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-PRODUTTURI

Stat Membru: .....

Sena: .....

Sena kummerċjali: .....

Id-data meqjusa aktar 'il quddiem tirrigwarda lil

1. Isem tan-negozju: .....
   .....
2. Forma legali: .....
3. Statuti (Ehmeż kopja)
4. Indirizz (Triq, numru, lokalità, numru tat-telefon, numru tat-telex)
   — tal-kwartier ġenerali amministrattiv: .....
   .....
   — tal-kwartier ġenerali tal-bejgħ: .....
   .....
5. Territorju relatat: .....
   .....
6. Numri ta' membri: .....
   — Numri ta' produtturi: .....
   — Numru ta' membri mhux produtturi (fejn applikabbli): .....
7. Dettalji tal-membri:
   Jekk jogħġbok ehmeż lista ta' membri, waqt li taghti d-dettalji li ġejjin:
   — kunjom u l-ewwel isem
   — għadd ta' bċejjeċ ta' art użati biex ikabbru l-lampun għall-ipproċessar, flimkien man-numri ta' reġistrazzjoni tal-bċejjeċ ta' art
   — kwantitajiet fil-ħsad
   — prodott miksub kull ettaru
8. Iffinanjar maħruġ mill-membri:
   Miżati ta' shubija ☐ forom ohra ta' iffinanzjar ☐
   Dritt ta' shubija: .....
   Dritt annwali:
   — ammont ta' rata fissa: .....
   — perċentwal: .....
9. Regoli stipulati mill-organizzazzjoni tal-produtturi:
   — Regoli dwar il-kapaċitajiet tal-biedja:
   iva ☐ le ☐
   — Regoli dwar il-produzzjoni
   — Regoli dwar il-kummerċ
   (jekk jogħġbok ehmeż kopja ta' dawn ir-regoli).
10. Faċilitajiet tekniċi disponibbli għall-membri (kif trid)
    A. Stazzjon ta' thejjija u mballeġġjar
    iva ☐ le ☐
    Deskrizzjoni fil-qosor tal-faċilità (partijiet kostitwenti, żona koperta, eċċ.): .....
    .....
    .....
    .....

B. Tagħmir stallat:

— ħażna refrigerated iva ☐ le ☐

kapaċità: ..... m^3 jew

..... tunnellati

— oħrajn (jekk jogħġbok speċifika): .....

kapaċita: ..... tunnellati: ..... .

11. Staff responsabbli għal:

— amministrazzjoni: .....

— management: .....

— thejjija, imballeġġjar, ħażna: .....

— marketing: .....

— għajnuna teknika: .....

12. żona totali tal-pjantaġjuni tal-membri:

Prodott	Żona tal-prodott(ha)
Lampun għall-ipproċessar	
Lampun (għall-ikel, frisk)	
Frott u ħaxix ieħor (1)	

(1) Kif trid

13. Data tal-bejgħ għas-sena ta' marketing ta' qabel

Prodott	Produzzjoni tal-prodott maħsud (tunnellati)	Ħażniet mhux mibjugħa (tunnellati)	Telf (tunnellati)	Prodott kummerċjat (tunnellati)	Prezz medju miksub (munita nazzjonali/tunnellati)	Valur tal-prodott kummerċjat
Lampun għall-ipproċessar						

14. Qligħ jew telf f'ħidmiet matul is-sena kummerċjali preċedenti: .....

.....

.....

.....

15. Programm biex itejjeb il-kompetittività tas-settur li jipproduċi l-lampun għall-ipproċessar:

(a) Data tas-sottomissjoni: .....

Data ta' approvazzjoni: .....

Data ta' implimentazzjoni: .....

(b) Deskrizzjoni qasira tal-miżuri ppjanati/proposti/għaddejjin (ħassar fejn ma japplikax):

— miżuri individwali: .....

.....

— miżuri konġunti: .....

.....

Biex jitkomplew mill-Istat Membru

16. Rikonoxximent — skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 (1)

Data: ..... Deċiżjoni Nru: .....

Ippubblikata fil- ..... nhar .....

17. Rikonoxximent speċifiku skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2252/92

Data: ..... Deċiżjoni Nru: .....

Ippubblikata fil- ..... nhar .....

18. Irtirar tar-rikonoxximent speċifiku

Data: ..... Deċiżjoni Nru: .....

Ippubblikata fil- ..... nhar .....

19. Verifiki mwettqa

Data: .....

Suġġett: .....

.....

Kummenti: .....

.....

.....

(1) Fejn applikabbli

L-ANNESS II

Deskrizzjoni tal-programm biex itejjeb il-kompetittività tas-settur li jipproduċi l-lampun għall-ipproċessar

A. Tifsira ta' l-inħawi ġeografiċi relatati
   1. Miżuri individwali
   2. Miżuri konġunti

B. Deskrizzjoni tal-qagħda tal-bidu dwar:
   1. Produzzjoni
      — għadd ta' proprjetajiet, inħawi kkultivati, prodott kull ettaru, volum ta' produzzjoni maħsuda u l-importanza tagħha relatata mal-produzzjoni nazzjonali,
      — qagħda ta' qatgħat imħawla (żmien, densità, daqs, preżenza ta' siġar oħra tal-frott, eċċ.),
      — infrastruttura teknika disponibbli għall-proprjetajiet.
   2. Għajnuna teknika.
   3. Marketing:
      Deskrizzjoni qasira ta' faċilitajiet eżistenti, tagħmir u kemm jesgħu.
   4. Problemi li jipprevjenu l-kontinwazzjoni normali tal-produzzjoni.

C. Potenzjal tal-produzzjoni: għanijiet u żbokki prospettivi

D. Għanijiet segwiti mill-programm.
   1. Deskrizzjoni tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu permezz tal-programm.
   2. Deskrizzjonijiet tal-għanijiet ta' kull miżura.
   2.1. Miżuri individwali
   2.1.1. mekkanizzazzjoni tal-ħsad
   2.1.2 ristrutturar u konverżjoni ta' l-inħawi mħawla: taħwil mill-ġdid
   2.1.3. għajnuna teknika
   2.2. Miżuri konġunti
   2.2.1. Tħejjija xjentifika u tixrid ta' miżuri biex jegħilbu nuqqasijiet fi strutturi
      — titjib ġenetiku
      — adattament ta' varjetajiet ġodda
      — akkwist ta' materjal attestat
      — kontroll ta' mard
      — preservazzjoni ta' kwalità ta' prodott wara l-ħsad
      — tfassil tal-kwalità tal-prodott għall-ħtiġiet ta' l-industrija ta' l-ipproċessar.
   2.2.2. Żvilupp ta' prodotti ġodda u/jew żbokki ġodda:
      — żvilupp ta' prodotti ġodda u
      — titjib ta' kif prodotti eżistenti ġodda huma mmarkettjati.
   2.2.3. Studju tas-suq fuq prospetti għal żvilupp tas-suq għal prodott frisk.

E. Miżuri konġunti, informazzjoni fuq:
   1. l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jieħdu sehem fil-miżuri konġunti skond il-programm;
   2. istituti u/jew korpi li jieħdu sehem fit-tħejjija xjentifika u miżuri ta' tixrid;
   3. min jipproċessa u/jew gruppi ta' min jipproċessa li jkun jieħu sehem f'miżuri biex jiżviluppaw prodotti ġodda jew żbokok.

F. Investimenti meħtieġa:
   1. Prezz ġenerali tal-programm, analizzat bil-miżura;
   2. Press provviżorju, analizzat bis-sena ta' implimentazzjoni.

G. Perijodu previst ta' implimentazzjoni u orarju annwali, fuq perijodu li ma jaqbeżx tmien snin.

L-ANNESS III

Applikazzjoni ta' għajnuna pprovduta fl-Artikolu 11

Isem tad-ditta ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi: .....

Indirizz amministrattiv: .....

(Triq, numru, lokalità, numru tat-telefon, numru tat-telex) .....

Bank u numru tal-kont li fihom għandha tithallas l-għajnuna:

.....

Rikonoxximent speċifiku skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2252/92:

Data: ..... Deċiżjoni Nru: .....

Produzzjoni u nhawi totali tal-proprjetà: .....

Sena ta' mmarkettjar: .....

Elenku ta'miżuri mwettqin matul is-sena ta' mmarkettjar

Tip ta' miżuri u dokumenti sostenenti mehmuża	Ammont (f'munita nazzjonali)
1. Miżuri Individuali	
A. Mekkanizzazzjoni ta' ħsad	
1. Numru tal-fattura ..... tat	
2. Numru tal-fattura ..... tat	
3. Numru tal-fattura ..... tat	
4. Numru tal-fattura ..... tat	
B. Titjib kulturali u/jew tal-varjeta	
1. Numru tal-fattura ..... tat	
2. Numru tal-fattura ..... tat	
3. Numru tal-fattura ..... tat	
4. Numru tal-fattura ..... tat	
Ċ. Għajnuna teknika	
1. Numru tal-fattura ..... tat	
2. Numru tal-fattura ..... tat	
3. Numru tal-fattura ..... tat	
4. Numru tal-fattura ..... tat	
2. Miżuri flimkien	
A. Thejjija xjentifika u tixrid	
1. Numru tal-fattura ..... tat	
2. Numru tal-fattura ..... tat	
3. Numru tal-fattura ..... tat	
4. Numru tal-fattura ..... tat	
B. Żvilupp ta' prodotti ġodda u/jew żbokki	
1. Numru tal-fattura ..... tat	
2. Numru tal-fattura ..... tat	
3. Numru tal-fattura ..... tat	
4. Numru tal-fattura ..... tat	
C. Studju tas-suq fuq il-previżjoni għal żvilupp tas-suq għall-prodott frisk	
1. Numru tal-fattura ..... tat	
2. Numru tal-fattura ..... tat	
3. Numru tal-fattura ..... tat	
4. Numru tal-fattura ..... tat	
Numru tal-fattura ta' l-ispiża totali fuq il-programm ta' kompetittività fuq is-sena kummerċjali:	

Għandha tintela mill-Istat Membru

Applikazzjoni waslet nhar .....

A. Spiża eliġibbli għall-miżuri kollha, salvi dawk relatati mat-titjib kulturali u/jew ta' varjetà ta' produzzjoni

	Ammont (f'munita nazzjonali)
1. Spiża totali dikjarata:	
2. Ammont totali mhux eliġibbli fil-programm:	
3. (1 — 2) Spiża li għandha tiġi kkunsidrata:	
4. (3 × 0,65) Spiża eliġibbli:	
B. Spiża eliġibbli dwar miżuri relatati ma' titjib kulturali u/jew ta' varjetà ta' produzzjoni u l-oġħla ammont eliġibbli 1. Spiża totali ddikjarata: 2. Ammont totali mhux eliġibbli fil-programm: 3. (1 — 2) Spiża li għandha tiġi kkunsidrata: 4. (3 × 0,65) Spiża eliġibbli: 5. Rata tal-kambju fl-1 ta' Ġunju 19 . . : 6. Spiża eliġibbli f'ecus: 7. Inhawi totali relatati: 8. (6: 7) Ammont eliġibbli/ha, imnaqqas fejn hu xieraq għal ECU/1 100 ha: 9. Ammont eliġibbli totali: (8 × 5 × 7)	
C. Ammontli għandu jithallas A4 + B9	
D. Ammont jithallas minn EAGGF $\frac{(\dot{C} \times 40)}{65}$	